# IR-RUZARJU FIL-HAJJA U FIL-KITBA TAL-BEATU GORG PRECA

Ma nkunux nizbaljaw jekk nghidu li Dun Gorg kien appostlu tar-Ruzarju. Xandru kemm felah. U bir-ragun kien jemmen hafna fuq il-qawwa ta' din it-talba tant ghaziza ghal qalb il-Vergni Marija ghax hu kellu esperjenza personali ta' l-effikacja tieghu. Diversi drabi rrakkontalna fil-laqghat tieghu maghna li darba, meta kien qed jitlob ghal ruh ohtu Antonia akbar minnu li mietet zaghzugha fl-1900, din ohtu 'dehritlu' ftit wara mewtha u, waqt li indikatlu b'sebaghha l-werrej tal-lemin il-kuruna mdawra ma' idha x-xellugija, qaltlu b'vuci cara: "Gorg, lili din (il-kuruna) salvatni." Wara dik l-esperjenza, Dun Gorg aktar fehem il-valur tar-Ruzarju u qataghha li jxerred kemm jifla˙ id-devozzjoni lejh.

Kien ghalhekk li hu mhux biss ippriedka fuqu kemm-il darba, imma wkoll ippubblika ktieb fuqu[1] biex jghallem kif ghandu jinghad bi profitt. Hu kiteb ukoll katekizmu qasir dwaru[2], tkellem ukoll fuq ir-Ruzarju f'diversi mill-kitbiet l-ohra tieghu.

**Tibqa' tistenniena**
Kien ihobb jghid li "il-Vergni Marija tkun tistenniena sa nofs il-lejl biex insellmulha mqar b'hames posti Ruzarju", espressjoni li nsibuha wkoll f'wahda mill-ittri tieghu. Kien jaghmel dan l-enfasi ghax ir-Ruzarju, talba semplici u profonda fl-istess hin, hu mezz kbir ta' virtù u ta' salvazzjoni. Halla miktub: "Ir-Ruzarju ta' Marija huwa l-mezz ta' kull grazzja."[3]

Dun Gorg kien jispjega li r-Ruzarju hu ta' valur u gmiel kbir minhabba l-fatt li jigbor fih kemm it-talb vokali (dak li ahna nghidu bil-fomm), kif ukoll dak mentali (dak li ahna nimmeditaw). Halla miktub dwar dan: "Xejn ma jeqred il-vizzju u jgib il-virtù hlief il-meditazzjoni u l-orazzjoni. Ghalhekk l-Omm taghna tas-sema tat lid-dinja r-Ruzarju mqaddes biex, filwaqt li l-mohh u l-qalb jintrefghu f'Alla, il-bniedem jikseb li jehtieg ghar-ruh u ghall-gisem."[4]

**It-Talb vokali tar-Ruzarju**
Dwar it-talb vokali, Dun Gorg kien jinsisti li dan ghandu jsir bla ghaggla u, jekk ir-Ruzarju jinghad bejn tnejn jew aktar, naha trid tistenna li l-ohra tkun spiccat il-parti taghha qabel ma tibda hi. Darba, meta kien evakwat Haz-Zebbug fi zmien il-gwerra, hu ikkorega fil-knisja koppja li kienet qed tghid ir-Ruzarju b'dan il-mod, u ghallimhom kif ghandhom jghiduh sewwa biex tassew jaghtu gieh lill-Madonna. Kien jghid li l-ghaggla u t-tferfix fit-talb huma l-qerda tad-devozzjoni. Kien jinsisti wkoll li nifhmu t-talb li nkunu qed nghidu.

---

1 *Ir-Ruzarju tal-Madonna*. Veritas Press, 1991.
2 *Taghlim hafif fuq ir-Ruzarju*, bis-sottotitlu "Sabiex dejjem titghallem tghidu ahjar" – ara *op.cit*. pp. 49-56.
3 *Eku tal-Hbieb* u *Is-Sinagoga l-Gdida*, Veritas Press, 1998, p. 53, par.51
4 *ibid.*

Dun Gorg kien ihobb jispjega wkoll il-gmiel tat-talb vokali li fih ir-Ruzarju. Kien ifakkar li l-*Missierna* hi l-aqwa talba ghax harget minn fomm l-Iben t'Alla nnifsu u fiha nitolbu lil Alla Missierna bl-istess kliem ta' Ibnu dak kollu li ghandna bzonn ghar-ruh u ghall-gisem.

Anki l-*Ave Maria*, fl-ewwel parti taghha, ghandna l-kliem ta' l-Anglu Gabrijel u ta' Elizabetta lil Marija, kliem ta' tifhir mill-oghla lil Marija. Fit-tieni parti ta' din it-talba (il-*Qaddisa*) nitolbu lill-Madonna biex titlob ghalina issa u fis-siegha tal-mewt taghna. U ma jistax ikun li din it-talba, li ntennu lil Marija mill-inqas hamsin darba kull meta nirrecitaw ir-Ruzarju, ma tigbidx fuqna l-harsien specjali ta' Marija tul hajjitna imma, b'mod specjali, fil-hin serju meta nkunu se nidhru quddiem Alla biex inwiegbu ghal ghemilna ta' hajjitna kollha.

Il-*Gloria* hi innu ta' tifhir lil Alla wiehed fi Tliet Persuni. Din it-talba qasira kienet wisq ghal qalb l-erwieh qaddisa, fosthom San Frangisk t'Assisi, ghax jemmnu li b'xi mod tanticipa dak li se naghmlu fil-genna, fejn l-angli u l-qaddisin mhumiex jaghmlu hag'ohra ghajr ifahhru 'l Alla.

**Il-Meditazzjoni tal-Misteri**

Imma jekk ir-Ruzarju hu sabih ghat-talb vokali li fih, ir-Ruzarju hu aktar sabih minhabba li jigbor fih ukoll il-meditazzjoni fuq grajjiet mill-hajja ta' Gesù u ta' Ommu Marija. U f'din il-parti, imsejha mentali, ghax issir bil-fakultà tal-mohh, in-Nisrani jsib ghajnuna kbira biex minn din il-meditazzjoni jislet taghlim biex ikun jista' jfassal hajtu fuq dik ta' Gesù u ta' Marija. Ghax, jekk ahna tassew inhobbuhom, din l-imhabba rridu nuruha billi nharsu lejhom bhala l-Mudelli taghna u nsiru nixbhuhom. Mhux ta' b'xejn li Dun Gorg isejjah ir-Ruzarju Skola ta' Taghlim.

Biex jghin fil-meditazzjoni tal-misteri, Dun Gorg kien jissuggerixxi li min jghid ir-Ruzarju jaghmel pawsa qasira wara li jikkontempla l-misteru sabiex igib hafif hafif x-xena li tkun relatata mal-misteru. Ghal dan il-ghan ukoll, fil-ktieb *Ir-Ruzarju tal-Madonna* Dun Gorg jaghti hafna dettalji fuq il-grajjiet imsemmija f'kull wiehed mill-misteri. F'kitba ohra[5] jirrakomanda li dak li jkun ikollu xbieha ta' kull wiehed mill-misteri biex izommha quddiem ghajnejh "biex tghin l-immaginazzjoni tieghek biex tikkonsidra u biex tikkontempla l-imqaddes Ruzarju li tant tirrakomanda l-Madonna lill-fidili ta' Gesù."

**Talb marbut mal-Misteru**

Dun Gorg kien ukoll jghidilna biex, qabel ma tinghad il-*Missierna*, dak li jkun jaghmel talba lill-Madonna ghal xi virtù relatata mal-misteru. Hekk, per ezempju, fit-tieni misteru tal-Ferh, fejn Marija li kienet ghadha kif saret Omm Alla, tmur issefter ghal tliet xhur ma' mara xiha, Dun Gorg jissuggerixxi li nitolbuha li nkunu umli u karitattivi ma' min hu fil-bzonn. Hu

[5] *Direttorju Spiritwali*, Veritas Press, 1988, p.104, Direz. n. 604.

nnifsu jipprovdi diversi settijiet ta' talb marbutin mal-misteri li wiehed jista' jsibhom fil-ktieb tieghu *Ir-Ruzarju ta' Marija*.

**Ittra tal-Papa fuq ir-RuΩarju**

Huwa fatt kurjuz li hafna mit-taghlim ta' Dun Gorg dwar ir-Ruzarju jinsab tista' tghid kollu kemm hu fl-Ittra Apostolika tal-Papa Gwanni Pawlu II li hareg fis-16 t'Ottubru 2002 *Rosarium Virginis Mariae* fl-okkazjoni tal-bidu tas-Sena tar-Ruzarju. Bizzejjed wiehed jaqra din l-Ittra biex jara kemm dan hu minnu.

Imma dak li hu aktar kurjuz f'din l-Ittra sabiha tal-Papa – li nirrakomandawha lill-qarreja taghna[6] – hu l-fatt li fiha l-Papa jaghtina wkoll sett ta' hames Misteri godda tar-Ruzarju, imsejhin *Misteri tad-Dawl* biex jibdew jinghadu nhar ta' Hamis, li jaqblu mal-hames Misteri godda li Dun Gorg kien ta lill-membri tal-Ghaqda tieghu fl-1957 u li hu jsejhilhom ukoll *Misteri tad-Dawl*.

**Il-Misteri tad-Dawl**

Il-Misteri tad-Dawl huma mehudin kollha mill-hajja pubblika ta' Gesù, li fil-qosor nistghu nigbruhom hekk: (1) Il-Maghmudija ta' Gesù fil-Gurdan, (2) Gesù juri min hu fil-Miraklu tat-Tieg ta' Kana, (3) il-bidu tal-predikazzjoni tieghu, (4) it-Trasfigurazzjoni fuq il-Muntanja Tabor, u (5) it-Twaqqif ta' l-Ewkaristija fl-ahhar ~ena.

Xi gurnali u rivisti barranin, l-aktar dawk tal-lingwa Ingliza, dakinhar li giet ippubblikata l-Ittra tal-Papa, osservaw li meta l-Papa tana dawn il-Misteri godda hu seta' kien ispirat mill-Fundatur tal-MUSEUM li hu kien iddikjara Beatu f'Mejju 2001.[7] B'hekk f'daqqa wahda isem Dun Gorg, li f'hajtu tant ipprova jinheba, issemma mad-dinja kollha kattolika.

U f'dan ma nistghux ma narawx l-Id misterjuza ta' Alla li ried li isem dan il-Qaddej fidil tieghu, bniedem li ghex dejjem fi spirtu ta' orazzjoni u li tant habrek biex jghallem in-nies kif jitolbu, b'xi mod se jibqa' marbut mat-talba l-aktar imxerrda fil-Knisja Kattolika.

Naghlqu din il-kitba qasira bi kowotazzjoni ohra ta' Dun Gorg: "Imbierek min jghid bil-gabra r-Ruzarju, ghaliex l-ghedewwa l-ebda hsara ma jaghmlulu fir-ruh tieghu."[8]

---

[6] Hawn traduzzjoni taghha bil-Malti mahruga mid-Duminikani, rabat, Malta.
[7] Ghal dettalji fuq dan, ara artikolu: "Dun Gorg u l-Misteri Godda tar-Ruzarju" fir-rivista *Dun Gorg,* No. 42 (2003) pp. 4-7.11
[8] *Is-Sena tas-Sinjur*, Veritas Press, 2001, 1/10